20 ta' Novembru, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francis Dingli

## "Minimum Wage" — Art. 30(4) tal-Att XI tal-1952 — "Wages Regulations Order No. 2" — G.N. 555 tal-1953

*F'każ ta' akkuża kontra imputat fis-sens li hu naqas li jħallas lill-impjegat tiegħu l-"minimum wage" preskritt mill-liġi, mhux motiv tajjeb ta' difiża l-fatt li l-impjegat kien ifalli mix-xogħol jew kien jitnikker fuq ix-xogħol; għax dak il-fatt ma għandux x'jaqsam ma' din l-imputazzjoni. Relativament għal dak il-fatt l-"employer" jista' "si et quatenus" ikollu drittijiet oħra.*

*Dan il-motiv jista' jkun ta' rilevanza meta l-akkuża hija ta' deduzzjoni mill-paga, u mhux meta l-imputazzjoni hi biss dik ta' nuqqas ta' ħlas tal-"minimum wage".*

Il-Qorti — Rat l-imputazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmi Dingli talli l-Birgu, matul il-perijodu tal-15 ta' Frar, 1954, sat-30 ta' Ġunju, 1954, naqas li jħallas lil Vincent Delia, li hu mpjegat tiegħu fuq xogħol ta' kostruzzjoni, l-anqas ħlas fil-ġimgħa preskritt mill-paragrafu no. 2 ta' l-Iskeda attakkata mal-Wage Regulations Order No. 2 (The Construction Wages Council Order Reg. Order, 1953);

Rat it-talba tal-Pulizija sabiex tordna lill-imputat biex iħallas lill-imsemmi Vincent Delia s-somma ta' £19.10.0, differenza fil-pagi attwalment imħallsa lilu u dawk preskritti mill-liġi għall-perijodu ta' dsatax-il ġimgħa u tliet ijiem, mill-15 ta' Frar, 1954, sat-30 ta' Ġunju, 1954;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Settembru, 1954, li biha lliberat lill-imputat, fuq il-motiv li rriżulta li Vincent Delia kien ifalli mill-anqas ġurnata fil-ġimgħa u li ġie li tnikker fuq ix-xogħol;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li l-imputat jiġi misjub ħati u kkundannat skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża rtirat l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità. L-appell hu ammissibbli, għaliex hemm *pont* ta' *dritt* fis-sens tal-ġurisprudenza interpretativa tal-liġi in materja;

Fil-merita:

Dwar il-fatti, tant id-difiża kemm il-Prosekuzzjoni qegħdin *jassumu* li dawn huma kif dikjarati fis-sentenza (ara verbal fol. 8);

L-imputazzjoni hi li l-appellat naqas li jħallas il-"*minimum wage*" *ta'* 90s. fil-ġimgħa lill-*impjegat tiegħu* Delia ("time employee") skond il-Wage Regulation Order No. 2 (Gazz. tal-Gvern 10376 ta' l-1953, G.N. 555);

Għalhekk il-fatt li Delia kien ifalli mix-xogħol, jew jitnikker fuq ix-xogħol, ma għandux x'jaqsam għall-finijiet ta' "din" l-imputazzjoni. L-"employer" jista', relativament għal dawn il-fatti, ikollu, "si et quatenus", drittijiet oħra;

Ir-raġuni msemmija mill-Maġistrat, almenu l-ewwel waħda, setgħet tkun rilevanti kieku l-imputazzjoni kienet ta' deduzzjonijiet mill-paga, imma mhux meta l-imputazzjoni hi biss dik fuq imsemmija;

Kien hemm, għalhekk, enunċjazzjoni skorretta tal-liġi;

L-imputat hu, għalhekk, ħati skond l-imputazzjoni;

Hu ukoll tenut għall-ħlas tan-nuqqas skond il-liġi (art. 30(4) Act XI ta' l-1952);

Għal dawn il-motivi;

Wara li rat l-art. 30 ta' l-Act fuq imsemmi u l-Wages Order ukoll fuq imsemmi;

Din il-Qorti akkoljiet l-appell, irrevokat is-sentenza appellata, iddikjarat l-imputat ħati, u kkundannatu għall-piena

tal-multa ta' £5, titħallas żmien sitt ijiem mil-lum. L-appellat jibqa' anki kundannat għall-ħlas tas-somma msemmija fic-ċitazzjoni favur l-imsemmi Delia.